FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA' GUNJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Mario Tonna

vs

Glen Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 281675M akkuzat talli:

1. nhar il-21 ta' Lulju 2008 ghal habta ta' 0545am gewwa Triq Villambrosa Hamrun, gewwa l-ufficini ta' John's Garage bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni billi dolozament bil-hseib li jikkometti omicidju jew li jqieghed il-hajja f'periklu car ta' Mario Bonello mill-Belt Valletta liema tentattiv ta' omicidju ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan ai terminu tal-Artikoli 41(a) u 211, 212 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car ta' Mario Bonello mill-Belt Valletta ikkaguna hsar fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Mario Bonello u ikkagunalu offizi ta' natura gravi kif iccertifika Dr Michael Spiteri MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volotarjament ta' n nar jew b'xi mod iehor qabbad il-persuna ta' Mario Bonello, jew lok iehor ai terminu tal-Artikoli 316, 317, u 318 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjamnet hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Mario Bonello u John's Garage Ltd u dan ai terminu tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. l-imputat sar recediv b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 25 ta' Jannar 2008;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda.

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 41(a), 211, 212, 214, 215, 216, 218,316, 317, 318, u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tikkundannah ghal sena prigunerija, kif ukoll ordnatlu jhallas lis-spejjez peritali.

A.M. Trigona

Magistrat